MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2005

Avviz Numru. 274/2005

**SG Solutions (C 5521) gja**
**V.J. Salomone Equipment Co . Ltd**

**Vs**

**Paul u Sandra konjugi Sammut**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' elfejn seba mija u tnax il-liri Maltin u centezmu (Lm2712.01) rapprezentanti in kwantu elfejn mitjen u tmienja u tletin liri Maltin u tletin centezmu (Lm2238.30) kiri ta' 'photo copier' tad-ditta Ricoh mudell numru AF 2018 u in kwantu erba mija u tlieta u sebghin liri Maltin u wiehed u sebghin centezmu (Lm473.71) kiri ta' 'photo copier' tad-ditta Ricoh mudell numru AF 2018D, skond rendikont tas-socjeta attrici li kopja tieghu huwa anness u mmarkat Dok 'A1 u A2' mal-avviz bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv u bl-

ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju bin-numru 1016/05 ipprezentat kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat id-dokumenti annessi mal-istess avviz a fol 2 u fol 3 tal-atti u markati Dok A1.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenuti naqsu u ma dehrux fit-18 ta' Ottubru 2005 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta' Lm2712.01,0 mid-data tal-mandat kawtelatorju ta’ sekwestru numru 1016/05 imsemmi fl-avviz sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-istess mandat kawtelatorju.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------